

Suġġett

Talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar in-noninklużjoni ta' diphenylamine fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza (ĠU L 314, p. 79).

Dispożittiv

- (1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- (2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2011
— Gas Natural Fenosa SDG vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-484/10 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Għajjnuna mill-Istat — Kumpens tal-ispejjeż addizzjonali ta' produzzjoni ta' ċerti ċentrali tal-elettriku li jirriżultaw mill-obbligu ta' servizz pubbliku ta' produzzjoni ta' ċerti volumi ta' elettriku minn faħam ta' oriġni nazzjonali u l-implementazzjoni ta' 'mekkaniżmu ta' dispaċċ preferenzjali' favurhom — Deċiżjoni li jitqajm oġġezzjonijiet — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Fumus boni juris — Nuqqas ta' urġenza — Ibbilanċjar tal-interessi”)

(2011/C 152/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Gas Natural Fenosa SDG, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: F. González Díaz u F. Salerno, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier u C. Urraca Caviedes, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-konvenuta: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: J. M. Rodríguez Cárcamo, aġent)

Suġġett

Talba għal miżuri provviżorji intiża, essenzjalment, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4499, tad-29 ta' Settembru 2010, dwar l-għajjnuna mill-Istat N 178/2010 innotifikata mir-Renju ta' Spanja taħt forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku assoċjat ma' mekkaniżmu ta' dispaċċ preferenzjali favur ċentrali ta' produzzjoni tal-enerġija elettrika li jużaw faħam ta' oriġni nazzjonali.

Dispożittiv

- (1) It-talba għal intervent tal-Cámara Oficial de Comercio, Industria y Navegación de A Coruña hija miċħuda.

(2) E.ON Generación, S.L., Hidroeléctrica del Cantábrico, SA, u l-Federación Nacional de Empresarios de Minas de Carbón jistgħu jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni Ewropea.

(3) Id-digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Novembru 2010, Gas Natural Fenosa SDG vs Il-Kummissjoni (T-490/10 R, mhux ippubblikat fil-Ġabra), huwa revokat.

(4) Għandu jiġi stabbilit terminu għal Gas Natural Fenosa SDG, għall-Kummissjoni u għar-Renju ta' Spanja sabiex jitolbu li ċerti elementi kunfidenzjali tal-proċess kif ukoll ta' dan id-digriet jiġu esklużi mill-komunikazzjoni lill-partijiet imsemmija fil-punt 2 ta' dan id-dispożittiv u sabiex tiġi prodotta, għall-finijiet ta' din il-komunikazzjoni, verżjoni mhux kunfidenzjali ta' partijiet tal-proċess u ta' dan id-digriet.

(5) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2011
— Iberdrola vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-486/10 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Għajjnuna mill-Istat — Kumpens tal-ispejjeż addizzjonali ta' produzzjoni ta' ċerti ċentrali tal-elettriku li jirriżultaw mill-obbligu ta' servizz pubbliku ta' produzzjoni ta' ċerti volumi ta' elettriku minn faħam ta' oriġni nazzjonali u l-implementazzjoni ta' 'mekkaniżmu ta' dispaċċ preferenzjali' favurhom — Deċiżjoni li jitqajm oġġezzjonijiet — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Fumus boni juris — Nuqqas ta' urġenza — Ibbilanċjar tal-interessi”)

(2011/C 152/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Iberdrola, SA (Bilbao, Spanja) (rappreżentanti: J. Ruiz Calzado u É. Barbier de la Serre, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier u C. Urraca Caviedes, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: J. M. Rodríguez Cárcamo, aġent)

Suġġett

Talba għal miżuri provviżorji intiża, essenzjalment, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4499, tad-29 ta' Settembru 2010, dwar l-għajjnuna mill-Istat N 178/2010 innotifikata mir-Renju ta' Spanja taħt forma ta' kumpens għas-servizz pubbliku assoċjat ma' mekkaniżmu ta' dispaċċ preferenzjali favur ċentrali ta' produzzjoni tal-enerġija elettrika li jużaw faħam ta' oriġni nazzjonali.